**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 25**

**14 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Alfred Attard - Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier
Stefano Sicari - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Jade England- Kunsillier

**Assenti**

Karl Cutajar-Kunsillier

**25.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji.**

**25.1.** Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-5.05pm

**25.1.2** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apologija fejn is-segretarju Eżekuttiv irrispondiet li kien hemm 2 ittri t'apologija, dik ta' Sa Yana Borg Debono Grech u tas-Sa Jade England.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

25.2.1 Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq il-minuti. Ma kienx hemm u għalhekk Is-Sur Maurizio Gauci ppropona u s-Sur Luke Vella ssekonda l-minuti tal- laqgħa nu. 24 bħala korretti.

**25.3 Arisings mill-Minuti**

**25.3.1** Ma kien hemm xejn

**25.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

25.4.1 Is-Sindku informat lil dawk preżenti li ser isir riċeviment għall-għaqdiet kollha. Wara li ġie ċċekjat x' attivitajiet għandhom l-għaqdiet, ippropona li dan ir-riċeviment isir nhar il-Ħadd, 10 ta' Awwissu filgħodu, bil ħin jiġi kkomunikat aktar 'il quddiem.
Is-Sa. Marie Claire ikkumentat jekk hux xieraq li jiġu mistiedna l-Kappillani bħala sinjal ta' għaqda komunitarja, iżda dan wassal għal diskussjoni. Is-Sur Kaylocke Buħaġiar qal li ma jaqbilx, billi argumenta li l-Kappillani m'għandhomx x'jaqsmu direttament mal-festa ta Santa Liena u għall-parocci tagħhom qatt ma saru festini.
Is-Sa. Rosette staqsiet kemm jinvolvi , u ġiet mogħtija risposta li jinvolvi erba' persuni, fejn qalet li hi taqbel mal-proposta.
Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ġie deċiż li jiġu mistiedna l-Kappillani.

25.4.2 Is-Sindku informat lil dawk preżenti li ġejna kkuntatjati mill Bank HSBC rigward l-account li għandna ma' l-istess bank, fejn ġejna infurmati li peress li ma hemmx attivita f'dan il kont ser jiġi klassifikat bħala dormant, u apparti min hekk qed inħalsu charges fuqu.
Hija talbet jekk għandniex ngħalquh, u wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti li l-account għandu jiġi mgħaluq.

25.4.3 Is-Sindku informat lil dawk preżenti li hemm żewġ vetturi tal-Kunsill – Citroën Xsara Picasso u Fiat Croma – li m'għadhomx tajbin għall-użu fit-toroq minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Hija spjegat li dawn il-vetturi ma jintużawx ghax mhux tajbin għat-triq u li qed jingumbraw il-parking
Għalhekk, hija ressqet proposta sabiex iż-żewġ vetturi jiġu eliminati taħt l-Iskema ta' Scrappage, fejn jista' jkun hemm kumpens jew benefiċċju rilevanti għal-Kunsill peress li xtrajna iż-żewġ vetturi tal-Elettriku.
Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti li l-Citroën Xsara Picasso u l-Fiat Croma għandhom jiġu scrapped b'mod uffiċjali u skont il-proċeduri stabbiliti.

25.4.4 Is-Sindku informat lil dawk preżenti li l-vanijiet tal-elettriku li swew il-kunsill il-fuq min €90,000 u li bħalissa qed jintużaw biex jipprovdu servizz lill-anzjani fil-komunità, ġew ordnati b'diversi nuqqasijiet. Fosthom:

- Ma jinkludux staffa biex tgħin lill-anzjani jitilgħu fil-vann.
- Ma hemmx handles biex l-anzjani jżommu magħhom.
- M'hemmx arja kkundizzjonata li twassal sa fuq is-seats ta wara, ħaġa li toħloq diffikultajiet f'kundizzjonijiet ta' sħana.

Meta ġiet eżaminata s-sejħa oriġinali li saret għall-ewwel darba, dawn il-karatteristiċi kollha kienu inklużi. Madankollu, għal xi raġuni mhux magħrufa, meta saret it-tieni sejħa, mhux biss żdied il-prezz, iżda wkoll dawn il-karatteristiċi tneħħew. Il-ħaddiem li jopera il Vann qed ikollu jinżel jgħin lil anzjani jitilgħu fil-vann u juża banketta tal-injam, meta dan lanqas suppost imisshom.
Konsegwentement, il-Kunsill jinsab issa sfurzat jordna staffi apposta, b'spejjeż ta' madwar €2,000 kull waħda, sabiex is-servizz mogħti lill-anzjani jkun sigur u adegwat.
Wara diskussjoni bejn dawk preżenti kien hemm qbil li dawn jiġu ordnati.
Is-Sa. Rosette staqsiet jekk il-vann hux aċċessibbli għal persuni f'siġġu tar-roti. Ġiet imfakkra li mhux – dan il-vann kien ordnat qabel, b'intenzjoni li jservi anzjani mobbli biss.

Hija staqsiet ukoll jekk is-servizz jintużax biex l-anzjani jżuru qraba, iżda s-Sindku ċċarjat li, għalkemm xi kultant ġie offrut għal dan l-iskop, l-għan ewlieni huwa li jwassal lill-anzjani għal appuntamenti mediċi.
Is-Sindku żiedet tgħid li l-ħin tal-operat hu limitat, u s-servizz qed jiġi operat minn ħaddiem wieħed biss.

25.4.4 Is-Sindku informat lil dawk preżenti li kellha laqgħa mal-Cleansing Department, wara talba li għamlet minħabba nuqqas fil-ħasil ta' żoni li ma jintlaħqux mill-bowser.
Bħala riżultat ta' din it-talba, il-Kunsill ingħata magna ġdida apposta biex tinħasel żoni żgħar, bħal-sqaqien u żoni pubbliċi bħaz-Zuntier.

25.4.5 Is-Sindku informat lil dawk preżenti li kienet avviċinata mill-kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-attivitajiet kulturali, fejn resqu pjan preliminari għall-ħarġiet kulturali li ser isiru f'Ottubru u Novembru 2025.
Is-Sindku staqsiet lil-kunsilliera MarieClaire jekk xtaqietx iżżid xi ħaġa, fejn hi qalet li qegħdin jaħdmu fuqhom u aktar dettalji ser jingħataw aktar il-quddiem.
Is-Sindku informat lil dawk preżenti li Antoine u Marie Claire qed jaħdmu fuq serje ta' taħditiet relatati mal-kultura u l-wirt storiku ta' Birkirkara.
It-taħditiet huma ppjanati li jsiru f'Ottubru, Novembru, Jannar u Frar li ġej.
Dawn iż-żewġ attivitajiet se jkunu bla ħlas, u ma għandhomx jiswew xejn lill-Kunsill.

25.4.6 Is-Sindku reġgħet qajmet is-suġġett tal-mural li kien propost mir-Reġjun Lvant fit-taraġ ta' Triq il-Wied, fejn issuġġerit li minflok isir fuq it-taraġ – kif kien oriġinarjament ippjanat – isir taħt il-pont viċin iż-żona ta' McDonald's.
Din il-lokalità tinsab eqreb iċ-ċentru, hija aktar viżibbli u ffrekwentata minn ħafna aktar nies. Barra minn hekk, tagħti dehra aħjar lill-inħawi, li bħalissa jidhru sempliċi ħafna u saħansitra mitluqa.
Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li jsir taħt il-pont.

25.4.7 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li ser isir meeting ma Infrastructure Malta rigward il pjan ta' Ħidma. Hija qalet li għalkemm kien hemm lista ta 13 il triq kull ma sar minnhom huma xi 3 biss.
Hija qalet ser tkun qed tgħaddi l-informazzjoni il-quddiem.

25.4. Is-Sindku informat lil dawk preżenti li rċeviet ittra mingħand il-qraba tal-vittmi tal-inċident fil-Kamra tan-Nar, fejn esprimew id-diżappunt tagħhom dwar il-monument attwali.

Fil-ittra ġie rrimarkat li:

- Il-monument m'huwiex xieraq;
- Għadd ta' ismijiet huma neqsin, u mhux inklużi l-vittmi kollha;
- Huma talbu li jinbidel il-monument, u li jintuża ġebel mill-Kamra tan-Nar bħala simbolu tat-traġedja.

Is-Sindku qrat l-ittra u għaddietha għall-konsiderazzjoni tal-Kunsilliera. Imbagħad talbet l-opinjoni tagħhom.

Matul id-diskussjoni:

- Ġie kkonfermat li hemm ismijiet nieqsa fuq il-monument.
- Is-Sa. Rosette qalet li hemm ukoll sentiment ta' diżappunt minn familja li kienet involuta fil-ħolqien tal-monument oriġinali, u li qatt ma ngħatat rikonoxximent.
- Is-Sur Maurizio ppropona li ssir alterazzjoni fuq il-monument eżistenti, sabiex ma jitneħħiex għal kollox.
- Is-Sur Kaylocke qal li għandu jiġi rrispettat ix-xewqa tar-residenti, u l-monument jinbidel skont dak li qed jintalab.
- Is-Sur Luke qabel mal-pożizzjoni li l-monument jinbidel skont ix-xewqa tal-familji.
- Is-Sur Alfred irrimarka li tnejn mill-vittmi huma qraba tiegħu, u qal li dan is-suġġett jmiss lil qalbu – huwa qabel ukoll li jinbidel.
- Is-Sa. Marie Claire staqsiet dwar il-lista tal-vittmi u ssuġġeriet li ssir riċerka sabiex jiżdiedu l-ismijiet kollha.
- Is-Sur Kaylocke semma li għandha ssir konsultazzjoni mal-għaqda tan-nar.
- Is-Sa. Marie Claire qalet li għandha tiġi kkunsidrata wkoll l-etika ta' li nneħħu xi ħaġa li kienet inħolqot minn ħaddieħor fil-passat.

Għalhekk ġie propost li ssir plakka separata li tindika l-monument oriġinali u min ħadmu, biex jingħata rikonoxximent xieraq.

Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

**25.5 Mistoqsijiet mill kunsilliera.**

25.5.1 Is-sindku qalet li irrispondiet id-domandi tas-sa Rosette via email sabiex ma ntawlux il-ħin fuq diskussjoni waqt il-laqgħa.

25.5.2 Is-Sur Gilmour Borg staqsa dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Olaf Gollcher u Triq Lorenzo Gatt.

Is-Sindku spjegat li dawn ix-xogħlijiet mhumiex xogħol tal-Kunsill, iżda minkejja dan, il-Kunsill qiegħed jerfa' r-responsabbiltà li jinforma lill-pubbliku u jżommu aġġornat permezz ta' Facebook u ittri lid-djar affettwati.

Għalkemm il-Kunsill Lokali ma kienx jiġi kkonsultat fil-passat dwar dawn ix-xogħlijiet, illum il-ġurnata qed nieħdu interess attiv u nikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti sabiex inkunu nistgħu nipprovdu informazzjoni ċara u aġġornata lir-residenti.

F'dan il kas-il kuntrattur kien arroganti u beda jhedded li jieqaf mix-xogħol meta ġie avviċinat.

Is-sa Marie Claire staqsiet rigward sqaq Buzawra, is-Sindku qalet li ltaqat mar resident u ser tissewa il-ħsara.

**25.6 Rapporti**

25.6.1 ma kien hemm Xejn

**25.7 Amministrazzjoni**

**25.7.1** Is-Sindku qalet li qed nistennew l-approvazzjoni għal żewġ applikazzjonijiet li tressqu:

1. Għall-impjieg ta' ħaddiem full-time fuq Skala 13;
2. Għall-Office Assistant fuq Skala 16, li jkollu dmirijiet differenti.

Rigward l-ewwel sejħa għall-impjieg fuq Skala 16, kienu ġew riċevuti tliet applikazzjonijiet. Madankollu, waqt il-komunikazzjoni sabiex jiġu mistiedna għall-intervista, waħda mill-applikanti rtirat l-applikazzjoni tagħha.

F'dan l-istadju, is-Sindku ddikjarat kunflitt ta' interess, peress li waħda mill-applikanti hija qariba tagħha. Għalkemm il-liġi ma tqisx dan bħala kunflitt ta' interess formali, hija qalet li tħoss li l-aħjar li l-bqija tad-diskussjoni tkompli mingħajr il-preżenza tagħha, sabiex tiġi miżmuma l-imparzjalità.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-proċess ta' reklutaġġ, fejn ġie ffurmat bord indipendenti u kkonferma li ma jeżisti ebda kunflitt t'interess.

Is-Sur Alfred staqsa dwar kif beda l-proċess kollu. Ġie spjegat li:L-ewwel sejħa ħarġet internament bejn il-Kunsilli Lokali f'Malta;

Sussegwentement, intalbet lista minn Jobsplus, fejn saru tliet interviews, iżda l-applikanti ma kienux kompetenti għall-irwol mixtieq;

Għalhekk, ġiet imnedija sejħa Part 3, li kienet pubblika u dehret fil-Gazzetta tal-Gvern, u ntbagħtet ukoll lista ġdida minn Jobsplus;

Minn din is-sejħa, kif intqal fil-bidu, ħarġu tliet applikanti, iżda waħda minnhom irtirat l-applikazzjoni tagħha minħabba nuqqas ta' ħin disponibbli.

Is-Sa Rosette staqsiet għalfejn qed jiġu mistoqsija biex jiġu approvati dawn il-ħatriet. Is-Segretarju spjegat li din hija l-prassi mitluba mid-Dipartiment: il-Kunsill irid japprova, iżda l-Kunsill jista' wkoll ma japprovax.

Intqal ukoll li kien hemm mistoqsija dwar il-ħinijiet tax-xogħol u għalfejn il-ħaddiema ma ġewx impjegati full-time. Ġie rrimarkat li l-call oriġinali kien għal impjieg part-time. Is-Sa Rosette kompliet tistaqsi jekk dawn il-ħaddiema humiex impjegati f'postijiet oħra u jekk humiex se jkunu jistgħu jsibu l-ħin biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom fil-Kunsill. Hija wkoll staqsiet jekk iffirmewx dikjarazzjoni dwar kunflitt ta' interess.

Ir-risposta kienet li, skont il-parametri tal-liġi, anke s-Sindku seta' ma joħroġx mill-kamra waqt id-diskussjoni. Is-Sur Alfred irrimarka li, jekk naraw li dawn il-ħaddiema qed jaqdu xogħolhom tajjeb, il-call jista' jinfetaħ mill-ġdid sabiex jiġu impjegati full-time.

Ittieħed il-vot sabiex jigi japprivat ir-rapport tal-Board.

**Iva:-** Maurzio, Luke, Kaylocke, Alfred, Antoine, Gilmour, Marie Claire, Desirei.

**Le:-** Stefano, Rosette

**Astjenew:-** Ħadd

**25.8 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

25.8.1 Wara li s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti dwar l-iskeda tal-pagamenti, is-Sur Maurizio approva l-iskeda, u s-Sinjura Marie Claire ssokondat.

**Is-Sinjura Rosette** staqsiet rigward il-palji li jinsabu fir-roundabouts. Is-Sindku spjegat li dawn huma parti mill-iskema tal-Kultura u jitħalsu meta issir l-attività

Is-Sinjura Rosette staqsiet ukoll għaliex ċerti nefqiet ma jiġux approvati qabel ma jidhru fl-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku wieġbet li jkun impossibbli li kull nefqa tiġi approvata minn qabel, għax

inkella x-xogħol qatt ma jsir. Madankollu, il-Kunsill dejjem isegwi r-regoli tal-procurement, inkluż li jinġabru tliet kwotazzjonijiet fejn applikabbli.

24.8.2 Wara li s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq l-iskeda tal-petty cash, is-Sinjura Marie Claire approvat u s-Sur Luke ssokonda L-iskeda tal-petty cash. Din ġiet approvata unanimament minn dawk preżenti.

**25.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

25.9.1 Il- Laqgħa ntemmet fis 6.35pm

25.9.2 Data tal-laqgħa li jmiss it-tnejn 21 ta lulju fil-5pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto